# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

It-Tnejn, 18 ta' Ġunju, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

50.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ ma setgħatx tkun preżenti u talbet li tkun skużata.

50.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1. Il-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

50.2.1.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.1.2 u talab li jiżdied it-test "AC", wara l-kelma Kunsillier. Il-Kunsill qabel.

50.2.1.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.1.3 u talab li jiżdied it-test "SZ", wara l-kelma Kunsillier. Il-Kunsill qabel.

50.2.1.3. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.4.1 u talab li jiżdied it-test "AC, wara l-kelma Kunsillier. Il-Kunsill qabel.

50.2.1.4. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

50.2.2. Il-Sindku JC ressaq il-minuti tad-disgħa u erbgħin (49) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

50.2.2.1. Il-Kunsilliera LAG ressqet mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku JB favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

50.2.3. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal-minuta 48.2.2 li titratta l-ilma baħar li jitla' fi Triq San Ġorġ, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li din il-materja ser tiġi diskussa mal-Onor. Jose' Herrera. Huwa kien infurmat ukoll li l-Kunsill ma rċieva xejn mill-Periti ta' Transport Malta.

50.2.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.3 li titratta l-ilma qiegħed fil-Bajja s-Sabiħa biswit il-pont, in-naħa ta' Wied il-Buni u staqsa jekk tpoġġiex ir-ramel. Is-Sindku informa li ntefa r-ramel u ttaffiet parti mill-problema. Huwa żied jgħid li għaddejjin diskussjonijiet mal-MTA sabiex din il-problema tiġi solvuta.

50.2.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.5.1 li titratta tabelli ta' "No Pets allowed". Huwa kien infurmat li t-tabelli huma ordnati.

50.2.6. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.8 li titratta l-Ġemellaġġ mal-belt ta' Pingtan u staqsa fiex wasal il-proċess. Is-Sindku informa li l-proċess miexi, u li l-Kunsill qed jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni li ġiet sottomessa.

50.2.7. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.9 li titratta sistema tat-traffiku fi Triq F.M. Ferretti u Triq il-Batterija, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li dawn għadhom pendenti mill-perit.

50.2.8. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.11 li titratta asfaltar ta' Triq Kalafrana. Huwa kien infurmat li waqt laqgħa li saret il-Freeport, il-Kunsill kien infurmat li ser toħroġ l-offerta għar-rikostruzzjoni.

50.2.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.2.15 li titratta ittra mill-Avukat tal-Kunsill lill-Planning Authority fir-rigward tal-Planning Gain tal-masterplan tal-Airport. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta.

50.2.10. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.3.5.1 li titratta risposta għall-ittra ta' Dr Zammit Dimech u staqsa jekk kienx hemm xi progress. Huwa kien infurmat li r-risposta inbagħtet.

50.2.11. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 48.3.6.1 li titratta suġġerimenti mit-tfal tal-iskola, u staqsa jekk ġietx organizzata l-laqgħa mill-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni hekk kif maqbul. Il-Kunsilliera LAG infurmat li minħabba impenji oħra, ma setgħetx taħdem fuq din il-materja, iżda ser tkun qed tieħu ħsieb.

50.2.12. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.3.9 li titratta tabella tal-karrijiet tad-dgħajjes. Huwa kien infurmat li t-tabella qed tiġi modifikata.

50.2.13. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.3.15 li titratta iffirmar ta' ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-asfaltar ta' Triq il-Qroll. Huwa kien infurmat li dan huwa ppjanat li jsir l-Erbgħa 20 ta' Ġunju.

50.2.14. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.4.1.2 li titratta l-iżviluppi fil-bini tal-Waterpolo Club. Il-Viċi Sindku informa li l-għada tal-laqgħa, il-Kunsill kien infurmat li r-residenti laħqu arranġament ma' sid ir-ristorant. Il-Kunsill qabel li jagħlaq il-każ.

50.2.15. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.4.4 li titratta disinn tal-parkeġġ faċċata tal-*waterpolo pitch.* Huwa kien infurmat li dan ser isir kif ikun disponibbli l-kuntrattur.

50.2.16. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.4.5 li titratta l-Bust ta' San Ġorġ Preca. Il-Kunsill innota li l-Oil Tanking mhumiex ser jissapportjaw dan il-proġett, u għaldaqstant kien hemm il-qbil li jinsab benefattur ieħor.

50.2.17. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq minuta 48.9.1.1li titratta permess ta tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet f'Misraħ is-Summit. Huwa kien infurmat li l-Kunsill ma ssottomettix sottomissjoni, hekk kif saru ma' applikazzjonijiet simili fl-istess żona.

50.2.18. Il-Kunsillier AC staqsa dwar żviluppi fuq 48.17.1 li titratta Parking Bays fi Triq il-Fossili. Huwa kien infurmat li dawn ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

50.2.19. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 48.2.7 li titratta t-Trasport Pubbliku u infurmat li r-rotta 80 qed topera grazzi għall-intervneti li saru. Is-Sindku informa wkoll li saret laqgħa ma' Transport Malta, fejn il-Kunsill ġie infurmat li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun hemm titjib fis-servizz, bl-ingaġġ ta' xufiera ġodda, kif ukoll qed isiru konsiderazzjonijiet għal titjib fir-rotot.

50.2.20. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 48.4.1.2 li titratta l-iżiluppi fi-ristorant tal-Waterpolo Club, u irrimarka li jekk il-Kunsill ikollu xi dubji, xorta għandu jipproċedi normali billi jirraporta lill-Awtorita' tal-Ippjanar għall-verifiki neċessarji.

50.2.21. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar żviluppi fuq il-minuta 48.17.5 li titratta l-ispazju ta' parkeġġ għall-vetturi u t-Trasport Pubbliku f'Misraħ is-Summit. Huwa kien infurmat li intbagħtet l-applikazzjoni lil Transport Malta.

50.2.22. Il-Kunsilleir AC għamel referenza għal-laqgħa numru 49, u staqsa jekk il-Kunsill ressaqx it-talba lil Perit responsabbli mill-Proġett tal-Qajjenza, dwar il-bankijiet tal-Qajjenza, li jinsabu mingħajr dahar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jivverifika.

## 50.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

50.3.1. Is-Sindku JC informa dwar laqgħa li saret ma' r-Rappreżentanti tal-Freeport, fejn ikkonfermaw li ser ikunu qed jagħmlu tajjeb u jipprovdu servizz ta' Trasport għall-Anzjani, darbtejn fil-ġimgħa f'Birżebbuga, flimkien ma' darba fix-xahar għall-ħarġa kulturali.

50.3.2. Is-Sindku JC fakkar dwar il-proposta ta' stallazzjoni ta' librerija żgħira mill-Onor Julia Farrugia Portelli.

50.3.2.1. Il-Kunsill approva tali stallazzjoni.

50.3.3. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuga A.D. 1957 fejn talab il-permess sabiex isir barbeque quddiem il-każin tagħhom il-Ġimgħa 27 ta' Lulju, li jinkludi għeluq ta' parti minn Triq Birżebbuġa.

50.3.3.1. Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

50.3.4. Is-Sindku JC ressaq ċirkolari 2018/064 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li titratta opportunita' ta' ġemellaġġ mal-belt ta' El Verger, Spanja'

50.3.4.1. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jaħdem fuq din il-proposta, u jippreżenta riċerka lill-Kunsill.

50.3.5. Is-Sindku JC ressaq ċirkolari 2018/065 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li titratta opportunita' ta' ġemellaġġ mal-belt ta' Castel Maggiore, fl-Italja.

50.3.5.1. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jaħdem fuq din il-proposta, u jippreżenta riċerka lill-Kunsill.

50.3.6. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 fejn talab il-permess sabiex isir barbeque ġewwa Wied il-Buni fuq il-blat nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju filgħaxija.

50.3.6.1. Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet relevanti mal-Bye-law.

50.3.7. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 fejn talab il-permess sabiex isir barbeque quddiem il-każin tagħhom il-Ġimgħa 27 ta' Lulju, li jinkludi għeluq ta' parti minn Triq Birżebbuġa.

50.3.7.1. Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

50.3.8. Is-Sindku ressaq talba riċevuta mingħand is-Sinjura Marie Claire Rizzo Jones, *Manager, Office of The Refugee Commissioner*, fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex isiru xi tabelli direzzjonali għall-uffiċċju tagħhom f'Ħal Far.

50.3.8.1. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni għal tali tabelli, madankollu, għandhom isiru mill-applikant.

50.3.9. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Birżebbuġa St. Peter's Football Club, riċevuta fit-18 ta' Ġunju, fejn talbu l-Kunsill jissapportja attivita' li saret fis-16 ta' Ġunju.

50.3.9.1. Il-Kunsill innota li l-Klabb kellu jressaq tali talba minn qabel, u fejn il-Kunsill kien ikun mistieden, u b'hekk kien ikun f'pożizzjoni aħjar biex jgħin.

50.3.9.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jaġixxi kif aġixxa ma' għaqda oħra, u dan billi jfittex l-isponsors.

50.3.10. Is-Sindku JC ressaq talba mingħand MediaTrendz fejn talbu l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex jitwahhlu numru ta' barriers tar-riklami, fosthom fi Triq Għar Dalam, u fil-Bajja s-Sabiħa.

50.3.10.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

50.4.1. Il-Kunsilliera LAG staqsiet jekk hux ser isir *fencing* madwar il-grawnd tar-ramel fil-Bajja s-Sabiħa. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

50.4.2. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għax-xogħlijiet tal-Enemalta u li baqa' xi materjal sparpaljat li hemm bżonn jinġabar. Hija kienet infurmata li ser tittieħed azzjoni.

50.4.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar id-*deckchairs* li qed jarmaw fil-Bajja u jekk dawn għandhomx il-permessi neċessarji tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

50.4.3.1. Il-Viċi Sindku informa li dawn għandhom il-licenzji neċessarji.

50.4.4. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku JC dwar il-possibilta' li jsiru bejn sitt u tmien toqbiet tal-arbli f'Misraħ San Gorg Preca. Il-Kunsill qabel.

50.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li ssir bankina Fi Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq l-Immakulata Kunċizzjoni. Is-Sindku informa li ser isiru d-drenaġġi u s-servizzi, u ser jaħdem biex din issir.

50.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk hux possibbli li l-Kunsill jipprovdi *open* skip f'Bengħisa sabiex isir xi tindif.

50.4.6.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.4.7. Il-Viċi Sindku JB staqsa dwar ħsarat li saru fuq bankini minn kuntratturi, waħda fejn qed jiġi żviluppat l-ex LIDO, u l-oħra fil-Bajja s-Sabiħa ħdejn ir-rampa li tagħti għall-Bajja.

50.4.7.1. Is- Sindku JC informa li ser jieħu ħsieb.

50.4.8. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li l-ħin tad-dawl tat-traffiku ta' ħdejn il-latrini pubbliċi ta' San Ġorġ jiġi aġġustat minħabba li ma hemmx ħin biżżejjed biex jaqsmu l-anzjani.

50.4.8.1. Huwa kien infurmat li ser titressaq it-talba.

50.4.9. Il-Kunsillier JBO talab lis-Sindku dwar il-possibilta' li garaxx fi Triq il-Merżuq isirulu linji sofor.

50.4.9.1. Huwa kien infurmat sabiex l-applikant japplika fl-uffiċċju tal-Customer Care.

## 50.5 Rapporti;

50.5.1. Il-Kunsill iddiskuta l-laqgħa li għaliha attendiet l-E.T President ta' Malta, li fejn ġie diskuss il-proġett tal-iskatepark

50.5.1.1. Il-Kunsill innota li l-problema prinċipali mhijiex il-proġett tal-iskatepark, imma l-progetti komplessivi fuq il-Bajja, u l-muntanja tar-ramel.

50.5.1.2. Il-Kunsillier SZ fakkar dwar l-importanza li l-Kunsill ikollu pjanta komplessiva bl-istrutturi kollha tal-Bajja.

50.5.2. Il-Kunsill iddiskuta l-laqgħa li saret mall-GHRC, rigward il-proġett ta' Rijabilitazzjoni ta' Birżebbuġa.

50.5.2.1. Il-Kunsill innota li x-xogħlijiet dwar dan bħalissa jinsabu weqfin, minħabba s-sajf. Il-Kunsill innota li l-GHRC infurmaw li ser jgħaddu l-informazzjoni kollha. Il-Kunsill innota li l-proġett tal-Librerija għandu jiġi inkluż. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif kien maqbul qabel, dettalji dwar dan diġa kienu mgħoddija lil Perit tal-GHRC.

## 50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

50.6.1. Il-Kunsillier AC irrapporta dwar laqgħa li saret mis-sottokumitat imwaqqaf sabiex jiddiskuti l-Festa tal-lokalita'.

50.6.1.1. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta' li l-plancieri jintramaw fuq l-istess naħa,izda ma kienx hemm konkluzjoni. Kien hemm il-qbil li jsiru verifiki tal-qisien qabel ma tiġi diskussa iktar.

**NB: 7.30pm – JBO talab li jkun skuzat.**

50.6.1.1. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob il-qisien tal-pjancieri liż-żewġ każini tal-baned.

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

50.7.1. Il-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 06/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

50.7.1.1. Is-Sindku tkellem dwar pagament numru 25, u irrimarka li ser jivverifika in-numru ta' sigħat.

50.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera JBD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

50.7.2. Il-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Mejju 2018 bir-riferenza 05/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

50.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 50.8 Mozzjonijiet;

50.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 50.9 Traffiku u Parkegg;

50.9.1. Is-Sindku ressaq talba minn resident fejn intalbet *Communal Disabled Bay* viċin il-kappella ta' Triq iż-Żurrieq. Il-Kunsill ma qabilx li din għandha ssir.

50.9.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-proposta ta' sistema ta' Traffiku ta' Triq iż-Żurrieq u l-madwar, ser terga' tiġi riveduta għall-ewwel abbozz, minħabba xi diffikultajiet. Il-Kunsill approva.

## 50.10 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

50.10.1. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 3123/18 *Construction of Multi-material recovery facility.* Il-Kunsill qabel li jitfa ssottomissjoni tiegħu, skont kif diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

50.10.2. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 4151/18 *Subdivision of th temporary structure to into a Class 4B and Store for canoes, site in Pretty Bay*. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal ftuħ ta' Class 4B Stores.

50.10.3. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA 10665/17 *Proposed Solar Farm*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

50.10.4. Il-Kunsill innota applikazzjoni bin-numru PA/2252/18 *Renewal – Proposed Permanent Circuit, Cartings Club Ancillary Facilities, Open Air Public Grand Stand, Toilets, Bar, Meeting Rooms and First Aid Facilities.* Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 50.11 Bord tal-Evalwazzjoni tal-Offerti

**NB: 8.05pm – Il-Viċi Sindku JB, talab li jkun skużat.**

50.11.1. Il-Kunsill qabel li l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerti li jmiss ikunu il-Kunsillieri AC, il-Kunsilliera LAG, u l-Kunsillier SZ.

## 50.12 Street Lighting;

50.12.1. Is-Sindku ressaq talba sabiex issir lampa ġdida ma' arblu eżistenti fi Triq il-Brolli. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.12.2. Is-Sindku JC talab lill-Kunsillier SZ sabiex imexxi fuq l-applikazzjonijiet kollha pendenti.

## 50.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

50.13.1. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita’ ta’ Jum Birżebbuġa.

50.13.1.1. Il-Kunsilliera JBD irrakkomandat li jiġi avviċinat is-Sur Joe Julian sabiex possibbilment jagħmel muntaġġ għal dik il-ġurnata, minflok jintwera l-filmat kif sar fil-passat. Il-Kunsill qabel.

50.13.2. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita’ tar-Regatta f’Birżebbuġa u innota l-bżonn li ssir laqgħa mal-President tal-Għaqda tar-Regatta u Qdif ieħor.

50.13.3. Is-Sindku għamel referenza għall-attivita’ tal-GħanaFest. Huwa irrimarka li ser issir laqgħa mal-ko-ordinatur fil-25 ta Ġunju. Huwa informa li l-Kunsill irċieva l-programm, liema programm ġie iċċirkolat lill-membri tal-Kunsill.

## 50.14 Għeluq ta’ Triq Żarenu Dalli waqt id-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola;

50.14.1. Il-Kunsill innota li r-rakkomandazzjoni li minn Ottubru li ġej, Triq Żarenu Dalli tibda tingħalaq waqt il-ħinijiet ta ħruġ u dħul tat-tfal tal-iskola, intlaqet tajjeb mill-partijiet, kemm mis-Surmast tal-iskola, kif ukoll mill-pulizija.

## 50.15 Delegi u Responsabil’tajiet;

50.15.1. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 50.16 Girgħien Development Brief

50.16.1. Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza riċevuta mid-Direttriċi tal-*Environment and Resources* Authrity, fejn tat rendikont ta’ dak diskuss waqt laqgħa li nżammet flimkien ma’ rappreżentanti tal-Kunsill, bis-suġġett ikun Girgħien Development Brief.

50.16.2. Is-Sindku irrimarka li huwa ma jaqbilx li l-fondi għandhom jintefqu kif rakkomandat mill-ERA, iżda għandu jkun il-Kunsill jiddeċiedi kif u fejn juża l-fondi.

50.16.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hu li jiddeċiedi kif u fejn jintużaw dawn il-fondi.

50.16.4. Il-membri qablu li jaħsbu u jipproponu proġetti relevanti għal-laqgħa li jmiss.

## 50.17 Fond ta' CSR – Malta Freeport;

50.17.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja ta' fond ta' CSR. Huwa tenna li dan mhux *sponsorship*, u għalhekk il-Kunsill għandhu dritt għal iktar informazzjoni.

50.17.2. Il-Kunsill innota li dan l-obbligu ma jeżistix lejn il-Kunsill, iżda hemm l-obbligu li l-Gvern Ċentrali ikun infurmat. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Gvern Ċentrali sabiex jinġabu d-dettalji.

## 50.18 Tpoġġija ta' Kiosk F'Wied il-Buni;

50.18.1. Il-Kunsill innota talba għall-*no-objection* imressqa mis-Sur Jason Joyce għall-tpoġġija ta' Kjosk f'Wied il-Buni fuq il-pjattaforma tal-konkrit.

50.18.2. Il-Kunsill innota li tali applikazzjoni kienet tressqet mis-sieħeb fin-negozju Patrick Cachia fis-sena 2016 fejn il-Kunsill kien irrifjutaha.

50.18.3. Ġie nnotat li fil-passat riċenti, il-Kunsill approva talba simili, kemm fuq l-istess sit, kif ukoll fuq siti oħra.

50.18.4. Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni favur il-ħruġ ta' *no objection* għal tali applikazzjoni, ssekondata mill-Kunsilliera JBD, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur: | 4 (AC, JBD, JC, LAG) |
| Kontra: | 1 (SZ) |
| Astensjonijiet : | 0 |

## 50.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 ta' Lulju, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 23 ta' Lulju, 2018.

IFFIRMATI

Joseph Cutajar
Sindku

IFFIRMATI

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv